**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 t' Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 144/2020 MLF**

**Vivendo Retail Limited gia Krea (Malta) Limited, u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2023, Vivendo Malta Limited giet awtorizzata tassumi l-atti tar-rikors promotur minflok Vivendo Retail Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia f'ismu propju u kif ezercenti in-negozju bl-isem Total Business Projects**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' ghaxart eleft tlett mija u disa Euro u tletin centezmu (€10,309.30) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici ghal ghamara u appliances mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali mahruga skond Artikolu 166A tal-Kap. 12 numerata 2739/19 u bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Frar 2019, d-data tal-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut proprio et nomine.

2. Rat li l-konvenut qatt ma deher f'dawn il-proceduri, ghalkemm kien debitament notifikat, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezenta risposta.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti ezebiti.

4. Semghet ix-xhieda ta' Christopher Gauci li jiehu hsieb il-business unit tal-Krea li hija wahda mill-business units fi hdan is-socjeta attrici, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023 fejn ikkonferma li l-ammont ta' ghaxart elef tlett mija u disa Euro u tletin centezmu (€10,309.30) ghadu dovut mill-konvenut.

5. L-istess xhud ezebixxa d-dokumenti relattivi ghal dan id-dejn u spjega fid-dettal in-natura ta' dan id-dejn.

7. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Christopher Gauci u d-dokumenti minnu ezebiti.

**Konkluzjoni**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' ghaxart elef tlett mija u disa Euro u tletin centezmu (€10,309.30) lis-socjeta attrici, flimkien mal-imghax kummercjali dovut mit-8 ta' Frar 2019 – data tal-ahhar fattura - sad-data tal-hlas effettiv.

9. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2739/2019 ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**